**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**
**(Spettur Fabian Fleri)**
**(Spettur Trevor Micallef**

**vs**

**Omissis**
**Jesmond Portelli**

**Kumpilazzjoni numru 368/2012**

**Illum 14 ta' Ottubru, 2016**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Omissis** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 26385 (M) u **Jesmond Portelli** billi huma akkuzati talli fit-3 ta'April 2012, ghall-habta tal-3.45pm gewwa l-Greens Supermarket fi Triq tal-Ibragg, Swieqi:

1. Ikkommettew serq ta' flus u/jew xi oggetti ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn, tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu

(€2329.37), u li sar ghad-dannu ta' Carmel Sammut u/jew ta' persuna/i w/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra;

2. Aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta' awtorita' kompetenti, u barra mill-barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Diane Debono, lil Beverly Walker, u/jew lil xi persuna/i ohra kontra l-volonta' taghhom;
3. U aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi filwaqt li kienu qed jaghmlu delitt kontra l-persuna jew delitt ta' serq kellhom fuqhom arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni t'arma tan-nar jew imitazzjoni t'arma regolari;
4. Garrew 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellhom licenza jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;
5. Sabiex jiksbu vantagg jew beneficcju ghalihom innifshom jew ghall-haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw taghrif falz, billi bghabsu t-tarek tar-registrazzjoni ta' vettura Suzuki Alto, bin-numru KAK408, ai terminu tal-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Ma obdewx l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallewhomx jew fixkluhom waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom;
7. Meta l-indirizz fuq il-karta ta' l-identita ta' l-imputat ma baqax iktar validu jew xort'ohra, ma baqax iktar korrett, minghajr dewmien, huma naqsu milli jirrapurtaw il-fatt lill-ufficjal

awtorizzat u naqsu milli jikkonsenjaw l-istess karta ta' l-identita' mhux korretta lil, u li jaghtu dak it-taghrif kollu li jkun mehtieg minn, dak l-ufficjal;

Lil **Omissis** wahdu, akkuzat ukoll talli fit-3 ta' April 2012, ghall-habta tal-3.45pm, u/jew wara dan il-hin, gewwa s-Swieqi, matul Triq il-Kosta f'Bahar ic-Caghaq fil-limiti tan-Naxxar:

8. Saq vettura tal-marka Suzuki Alto, numru tar-registrazzjoni KAK408 b'manjiera traskurata;
9. Saq l-istess vettura numru tar-registrazzjoni KAK408 b'manjiera perikoluza;
10. Ukoll talli saq vettura tal-marka Suzuki Alto bin-numru tar-registrazzjoni KAK408 bla kont;
11. Iktar talli saq l-istess vettura Suzuki Alto bin- numru tar-registrazzjoni KAK408 b'giri iktar milli jmissu;

Lil **Jesmond Portelli** wahdu, akkuzat ukoll talli:

12. Rrendu ruhu recidiv ai termini ta' Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigi mibdula.

Illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.

Semghet il-provi.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali datata7 ta' Marzu, 2013 (esebita a *fol. 569* tal-process) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija (jew htijiet) :

a) Fil-konfront ta' Omissis u Jesmond Portelli fl-artikoli 17, 86, 188, 261, 262(1)(b)(2), 263(b), 267, 275, 277(a)(b), 279(b), 280(2), 338(ee), 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-artikoli 6, 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) Fil-konfront tal-imputat Omissis wahdu fl-artikoli 15(1)(a)(2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
c) Fil-konfront tal-imputat Jesmond Portelli wahdu fl-artikoli 49, 50, 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tal-15 ta' April, 2013 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet, waqt is-seduta tat-28 ta' Settembru 2015, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Il-Qorti qabel ghaddiet biex taghti s-sentenza ordnat *Pre-Sentencing Report* u l-imputat tpogga taht Ordni ta' Supervizjoni Provizorja.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-prosekuzzjoni u d-difiza fejn qablu dwar il-parametri tal-piena.

**Il-fatti specie tal-kaz**

Il-fatti specie tal-kaz jirrigwardaw *hold up* li sehh fil-Greens Supermarket f'Tal-Ibragg fit-3 ta' April 2012 fejn zewg persuni dahlu armati bi skieken u serqu (€2251.49). Dak il-hin mal-*cash points* kien hemm zewg impjegati. Min seraq harab minn fuq il-post b'karozza tal-kiri.

Il-Qorti semgħet lill-partijiet jittrattaw dwar il-piena li għandha tiġi inflitta fejn qablu li l-imputat meta wettaq ir-reat kien maħkum mill-vizzju tal-abbuz mid- droga u għeleb l-istess vizzju izda jenhtieg aktar ghajnuna biex jeghleb l-isfidi li ghandu issa li rega' gie integrat lura fis-socjeta'. Huwa qieghed jahdem u qieghed jiehu responsabiltajiet ta' missier.

Fil-*pre-sentencing report* imhejji minn Svetlana Bezzina[1] (*a fol.* 696) tirraporta li:

> *Jesmond Portelli jidher li qieghed jghix pjuttost stabbli u jinsab ingaggat f'xoghol regolarizzat. Jidher li qieghed jiehu responsabiltajiet ta' missier fiwaqt li ma jirrizultax li rega' involva ruhu mal-Qrati tal-Gustizzja Kriminali wara l-kaz odjern.*

Il-Qorti wara li fliet il-*pre-sentencing report* m'ghaddietx biex taghti s-sentenza mill-ewwel, fejn fil-15 ta' Dicembru 2015 tat provisional supervision order biex l-istess Probation Officer tibqa' ssegwi lill-imputat. Hija rrapurtat lura fis-seduti tad-29 ta' Jannar 2016 (*a fol.* 718), tat-8 ta' April 2016 (*a fol.* 723) u tat-13 ta' Lulju 2016 (*a fol.* 727) fejn qalet li l-imputat zamm l-appuntamenti li kellu, kull ezami li sarlu ghal

[1] Prezentat fil-15 ta' Dicembru 2015

sustanzi lleciti rrizultaw kollha fi-negattiv u kien qieghed jattendi ghall-*evening programme* tal-Caritas.

Illi in linea generali jibda biex jinghad li:

> *l-piena m'ghandiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[2]

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena

[2] Ref Ir-Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.

permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' titratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita tippronunzja ruhha l-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Fis-sentenza mghotija fil-kawza Il-Pulizija vs Maurice Agius[3] dik il-Qorti qalet hekk:

> *Huwa car...., li l-ewwel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-ligi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe`biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni ....; jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta'*

[3] Deciza fit-13 ta' Novembru 2009.

*prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk jkun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-periodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).*

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti thoss li f'dan il-kaz barra dak li tipprovdi l-ligi fejn tidhol piena, hemm bzonn ta' gustizzja ta' rikonciljazzjoni.

Dwar dan tkellem tant tajjeb Papa Frangisku meta kien qieghed jindirizza lill-partecipanti tal-Konvenju Nazzjonali tal-Kappillani tal-Habsijiet Taljani nhar l-Erbgha 23 ta' Ottubru 2013 "*Dan l-aħħar tkellimtu dwar ġustizzja ta' rikonċiljazzjoni, imma anki dwar ġustizzja ta' tama, ta' bibien miftuħa, ta' orizzonti. Din mhix utopija, nistgħu naslu għaliha. M'hix faċli, għax id-dgħufijiet tagħna qegħdin kullimkien, it-tentazzjonijiet qegħdin kullimkien, imma dejjem għandna nippruvaw.*"

Papa Frangisku kompla jitkellem dwar il-hniena u l-gustizzja waqt l-Udjenza Generali nhar l-Erbgha 3 ta' Frar 2016:

> "*Kif nirrikonċiljaw ir-realtà tal-ħniena mal-esiġenzi tal-ġustizzja? Jafu jidhru bħala żewġ realtajiet li jikkuntradixxu lil xulxin; fir-realtà m'huwiex hekk.*
>
> *[...]*
>
> *Hekk biss il-ġustizzja tista' tittrijonfa ... jekk il-ħati jagħraf il-ħażen li jkun għamel u jieqaf jagħmlu, araw kif il-ħażen m'għadux hemm iżjed, u dak li kien inġust isir ġust, għax ġie maħfur u megħjun jerġa'*

*jsib it-triq tat-tajjeb. U hawn sewwa sew tidħol fil-biċċa l-maħfra, il-ħniena."*

Din il-Qorti tipprova li meta taghmel Gustizzja kif hu mistenni minnha, ma tikkawzax aktar gerhiet, kif stqarr l-Isqof ta' Ghawdex Mario Grech fil-25 ta' Novembru 2015:

*Għalkemm il-ġustizzja hija kejl meħtieġ għas-soċjetà, l-esperjenza tixhdilna li bil-ġustizzja biss ma rnexxilniex inġibu l-ordni u l-paċi. Għalkemm għandna l-qrati bħala strutturi li jiggarantixxu l-ġustizzja, mhux biss ħafna feriti jibqgħu ma jagħlqux, imma xi drabi l-istess strutturi jikkawżaw ġerħat oħra.*

U waqt il-Gradwazzjoni tal-Istudenti tal-Ħames Sena tas-Seminarju Minuri tal-Qalb ta' Ġesù nhar it-Tlieta 14 ta' Ġunju 2016 l-Isqof Grech qal:

*Iċ-ċiviltà tagħna temmen ħafna bil-liġijiet. Kollox huwa ddettat mil-liġi. Għall-kotra, li tkun ġust ifisser li timxi skont il-liġi, u l-kunċett ta' ġustizzja huwa wieħed legali. Meta naħsbu li tkun saret inġustizzja, nirrikorru għand il-Qrati, fejn suppost hemm l-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Għalhekk, jekk wieħed ikollu ħtija, ikollu jħallas. Imma l-esperjenza tgħallimna li mhux kull meta kienet applikata l-ittra tal-liġi tkun saret ġustizzja. Ħafna drabi ninsew li the law can be an ass u l-applikazzjoni tagħha tikkawża inġustizzja flok ġustizzja. Ċiċerun kien jgħid li "summum ius, summa injuria" – fis-sens li meta jkun hemm applikazzjoni riġida tal-liġi, taf issir inġustizzja.*

Il-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li stqarret il-President tar-Repubblika Marie-Louise Coleiro Preca fil-11 ta' Lulju 2014 waqt il-gradwazzjoni tal-Caritas:

> *"Aħna soċjetà li rridu nirriflettu tassew il-valur tal-imħabba u m'għandniex nitilfu lanqas persuna waħda minn fostna ...."*

L-imputat gharaf li zbalja, iddispjacieh u llum jinsab fit-triq t-tajba. Il-Probation Officer spjegat li l-imputat dejjem ikkopera maghha u indirizza problemi li kellu tant li t-testijiet ghal sustanzi projbiti li ttiehdu fl-ahhar xhur kollha rrizultaw negattivi.

**DECIDE**

Illi, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tikkonsidra piena alternattiva ghal dik ta' prigunerija, li l-imputat Jesmond Portelli jigi kkundannat jaghmel xoghol komunitarju flimkien ma' ordni ta' probation fil-konfront tieghu, liema piena tkun aktar gusta u ekwa minn dik ta' prigunerija u dana sabiex l-imputat ikompli jinghata direzzjoni f'hajtu. L-ghan tal-Qorti huwa dak li apparti li tara li l-imputat jigi kkundannat ghal dak li wettaq fit-3 ta' April 2012, tara wkoll li haga simili l-imputat jaghraf ma jergghax iwettaqha.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu datata 7 ta' Marzu, 2013 b'mod partikolari Artikoli Artikoli 17, 86, 49, 50, 188, 261, 262(1)(b)(2), 263(b), 267, 275, 277(a)(b), 279(b), 280(2), 338(ee), 533 tal-Kapitolu 9 u l-Artikoli 6, 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat Jesmond Portelli hati tal-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tieghu u

tordna li, ai termini ta' Artikolu 18 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat jitqieghed taht Ordni ta' Probation u Servizz taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-probation ghal tliet (3) snin millum u li jaqdi ordni ta' servizz fil-komunita` billi jaghmel xoghol bla hlas ghal hamsin (50) siegha f'dak il-post u skont l-arrangamenti li jsiru mill-ufficcju tal-probation.

Din l-ordni qed isir wara li l-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car l-import ta' din l-ordni u qaltlu x'inhuma l-konsegwenzi jekk huwa ma' joqghodx ghal kundizzjonijiet ta' dan l-ordni u accertat ruhha li l-istess hati accetta li joqghod ghall-kundizzjonijiet ta' dan l-ordni.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputat Jesmond Portelli bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is- sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation moghtija b'Digriet ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal tal- probation biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputat Jesmond Portelli.

L-Uffiċjal Sorveljanti assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħatja kull sitt (6) xhur.

---

**Ft./Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**

**Vera Kopja**

**Margaret De Battista**
**Deputat Registratur**